MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 6/2019 LM

**Sylvana Zammit (K.I. 366871M)**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat, hawnhekk "l-appellant", **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, mid-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Lulju,

2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), li laqa' l-appell li għamlet r-rikorrenti, hawnhekk "l-appellata", **Sylvana Zammit** (K.I. 366871M) mid-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, li ġiet mgħarrfa lilha permezz ta' ittra tad-19 ta' Frar, 2018. Ir-rikorrenti Sylvana Zammit ressqet appell quddiem l-Arbitru wara li ġiet infurmata li in vista tal-fatt li intimat appellant ma kienx sodisfatt li l-kapital tagħha ma jeċċedix l-erbatax-il elf Euro (€14,000), hija kellha tħallas lura l-ammont ta' erbatax-il elf, tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro u għoxrin ċenteżmu (€14,354.20) f'benefiċċji żejda mħallsa lilha fil-perijodu bejn April 2006 u Ġunju 2009, u dan wara li l-intimat appellant irriżultalu li l-appellata kienet biegħet proprjetà li kienet tappartjeni lilha. L-appellata ppreżentat appell quddiem l-Arbitru minn din id-deċiżjoni, abbażi tal-artikolu 108 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Arbitru kkonkluda illi:

> "*Il-probabbilità hi li ġialadarba l-appellanta kienet tgħix biss fuq is-sigurtà soċjali, hija nefqet il-kapital li qalgħet fl-ispejjeż li hija indikat u oħrajn li huma spejjeż normali tal-ħajja li wieħed jinkorri u kwindi tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-Arbitru huwa sodisfatt illi l-appellanta ppruvat l-appell tagħha illi hija ma kellhiex kapital li jeċċedi l-€14,000.*
>
> *Għaldaqsant l-appell qed ikun milqugħ."*

## <u>**Fatti**</u>

2. Ir-rikorrenti hija persuna li kienet tirċievi l-benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali. Fid-19 ta' Frar, 2018 l-intimat iddeċieda li r-rikorrenti għandha

tirrifondi ammont ta’ benefiċċji żejda mħallsa lilha għall-perijodu bejn it-22 ta’ April, 2006 u s-17 ta’ April, 2009, peress li l-intimat irriżultalu li dak iż-żmien ir-rikorrenti kellha kapital li jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000) u għalhekk ma kinitx intitolata għal dawn il-benefiċċji soċjali. Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ħa din id-deċiżjoni wara li minn investigazzjoni li għamel, irriżultalu li r-rikorrenti kienet biegħet proprjetà li kellha f’isimha fl-2006 bil-prezz ta’ €32,611, u għalhekk għal perijodu ta’ żmien kellha kapital li kien jeċċedi l-limitu ta’ erbatax-il elf Euro (€14,000) impost mil-liġi sabiex persuna tkun tista’ tibbenefika minn din l-għajnuna.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tal-intimat, li fid-19 ta’ Frar, 2018, iddeċieda li r-rikorrenti għandha tirrifondi lura s-somma ta’ erbatax-il elf, tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro u għoxrin ċenteżmu (€14,354.20) f’għajnuna soċjali li hija rċeviet meta ma kinitx intitolata għaliha, fil-perijodu bejn it-22 ta’ April, 2006 u s-17 ta’ April, 2009. Fl-appell imressaq minnha quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti invokat il-preskrizzjoni peress li fid-deċiżjoni tiegħu d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali kien qiegħed jirreferi għal avvenimenti li seħħew aktar minn disa’ snin qabel, għalkemm ir-rikorrenti naqset milli tiċċita l-artikolu tal-liġi li kienet qiegħda tirreferi għalih meta ressqet l-ilment tagħha. Dan il-punt amplifika dwaru l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu. Fit-talba tagħha lill-Arbitru sabiex dan jikkonsidra d-deċiżjoni tal-intimat mill-ġdid, ir-rikorrenti

għamlet riferiment għal kuntratt ta' bejgħ ta' immobbli li hija għamlet f'April tal-2006, minn fejn jirriżulta li l-appellata biegħet proprjetà bil-prezz ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u ħdax-il Euro (€32,611), u kompliet tgħid li minn dan l-ammont hija nefqet is-somma ta' ħmistax-il elf u seba' mitt Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€15,700.42). Ir-rikorrenti spjegat li dawn l-ispejjeż huma kollha koperti b'irċevuta fiskali u kkonfermati bil-ġurament, u żiedet tgħid li sat-18 ta' April, 2009, hija kien għad fadlilha bilanċ favur tagħha ta' sittax-il elf, disa' mija u għaxar Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€16,910.58). Barra minn hekk ir-rikorrenti saħqet li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ma ppreżenta l-ebda prova li dawn il-flus daħlu għandha, u spjegat li fiż-żmien rilevanti hija kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni personali, u għalhekk għamlet spejjeż legali b'rabta ma' dawn il-proċeduri. Fil-prospett ippreżentat minnha quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet nefqet parti sostanzjali minn dawn il-flus sabiex setgħet tikri proprjetà għaliha u għal uliedha, wara li għal perijodu ta' żmien hija kienet tgħix f'*shelter* wara li kellha titlaq mid-dar matrimonjali tagħha.

4. L-intimat min-naħa tiegħu spjega li r-rikorrenti kienet persuna li tirċievi l-benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali, u bejn l-2006 u l-2009 hija kienet tħallset l-ammont ta' erbatax-il elf, tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro u għoxrin ċenteżmu (€14,354.20) f'benefiċċji soċjali li ma kellhiex jedd għalihom. Spjega li kien irriżulta li fis-17 ta' April, 2006 ir-rikorrenti kienet biegħet il-proprjetà bin-numru 13, Triq Qrejzu, Birkirkara bil-prezz ta' €32,611, u din kienet naqset

milli tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali b'dan. In vista ta' dan, żied jgħid id-Direttur Ġenerali intimat, huwa mhux sodisfatt li f'dan il-perijodu l-appellata ma kellhiex kapital li jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000), u konsegwentement talab lill-appellata tirrifondi l-ammont ta' €14,354.20 żejda mħallsa lilha għall-perijodu bejn it-22 ta' April, 2006 u s-17 ta' April, 2009. Jirriżulta wkoll li permezz ta' ittra tad-19 ta' Frar, 2018, l-appellata ġiet infurmata li l-*overpayment* li sar lilha ser jitnaqqas bi 30% mill-għajnuna soċjali li hija tirċievi mingħand id-Dipartiment.

5. Fl-appell tagħha lill-Arbitru, ir-rikorrenti spjegat li hija telqet mid-dar matrimonjali f'Awwissu 2004 b'uliedha minuri magħha, u għal diversi xhur hija kellha tgħix f'*shelter*. Żiedet tgħid li kien hemm żmien meta hija kellha bżonn tissellef flus mingħand familjari tagħha sabiex setgħet tgħix hi u tgħajjex lil uliedha, liema flejjes hija kellha trodd lura mir-rikavat tal-proprjetà mibjugħa minnha. Tgħid li hija kellha tħallas il-flus ukoll sabiex setgħet tibda proċeduri legali ta' separazzjoni. Ir-rikorrenti spjegat ukoll li hija ma taħdimx, u li m'għandha l-ebda assi tagħha għajr għall-proprjetà li kellha f'Birkirkara li ma kinitx abitabbli peress li lanqas kamra tal-banju ma kellha. L-appellata spjegat li bejn April u Ġunju tal-2006 hija kienet tikri appartament fis-Salini, u bejn Ġunju 2006 u April 2009 hija ħallset l-ammont ta' €6,624 f'kirjiet. Żiedet tgħid li parti mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà f'Birkirkara intuża minnha sabiex xtrat vettura żgħira, kif ukoll nefqet ammont sostanzjali ta' flus fi proċeduri legali marbuta mas-separazzjoni personali u sabiex tiddefendi ruħha fi proċeduri legali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

6. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Lulju, 2019, l-Arbitru laqa' l-appell imressaq mir-rikorrenti, mid-deċiżjoni meħuda mill-intimat Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali fid-19 ta' Frar, 2018 u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi dan huwa appell magħmul minn deċiżjoni tad-DSS datata 19 ta' Frar 2018 li permezz tagħha hija tħallset is-somma żejda ta' €14,350.20, għal għajnuna soċjali li allegatament irċeviet meta ma kinitx intitolata bejn it-22 t'April 2016 u s-17 t'April 2009, u ċioe ben 9 snin qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni.*

*Illi l-Arbitru jirrileva t-trapass taż-żmien minn meta ttieħdet id-deċiżjoni għall-perijodu* de quo *li dwaru d-DSS qed jilmenta li sar ħlas żejjed. L-appellanta fil-fatt eċċepiet il-preskrizzjoni madanakollu naqset milli tindika liema artikolu qed tiċċita li dwaru bbażat l-eċċezzjoni.*

*Illi għalhekk l-arbitru ma jistax jissindika l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi ma hijiex xi ħaġa li tista' tiġi sollevata* ex officio *mill-arbitru.*

*Illi rigward il-mertu, fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2019, l-appellanta ppreżentat prospett u kkonfermatu bil-ġurament flimkien ma rċevuti ta' spejjeż li hija għamlet fil-perijodu li fuqu sar it-tnaqqis fuq imsemmi.*

*Illi jirriżulta li minn bejgħ ta' immobbli f'April 2006 l-appellanta qalgħet l-ammont ta' €32,611. Mill-provi prodotti llum jirriżulta li minn dawn l-appellanta nefqet is-somma ta' €15,700.42 liema spejjeż huma kollha koperti b'irċevuti fiskali u konfermati bil-ġurament, għajr tal-kirja li ma humiex koperti b'irċevuti fiskali imma biss irċevuti li jippruvaw li ħallset il-kera.*

*Kwindi sal-ġurnata tat-18 t'April 2009 kien għad fadal bilanċ ta' €16,910.58. Id-Direttur Ġenerali bbaża biss id-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-appellanta, 9 snin qabel kellha €32,611 li daħlu minn bejgħ ta' proprjetà. Id-Direttur Ġenerali ma ppreżenta l-ebda prova illi dawn il-flus fil-fatt daħlu mingħand l-appellanta.*

*Fil-fatt l-appellanta xehdet illi hija kellha tħallas xi terzi ta' flus illi sellfuha meta hija kienet tinsab fi proċess ta' separazzjoni personali, liema proċess għadu għaddej, inkluż l-ispejjeż illi hija ppreżentat.*

*Il-probabbilità hi li ġialadarba l-appellanta kienet tgħix biss fuq is-sigurtà soċjali, hija nefqet il-kapital li qalgħet fl-ispejjeż li hija indikat u oħrajn li huma spejjeż normali tal-ħajja li wieħed jinkorri u kwindi tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-Arbitru huwa sodisfatt illi l-appellanta ppruvat l-appell tagħha illi hija ma kellhiex kapital li jeċċedi l-€14,000.*

*Għaldaqstant l-appell qed ikun milqugħ."*

## <u>Ir-Rikors tal-Appell</u>

7. L-intimat appellant ippreżenta l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fis-7 t'Awwissu, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Arbitru ta' nhar it-18 ta' Lulju 2019, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tad-19 ta' Frar 2018."*

8. L-intimat appellant ressaq l-aggravju li l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-provi prodotti, kif ukoll li l-Arbitru għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant sostna li l-Arbitru naqas milli jikkonsidra li minkejja li l-appellata ressqet diversi provi, din naqset milli tipprova li fiż-żmien rilevanti l-kapital tagħha ma kienx jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000). Barra minn hekk l-Arbitru m'applikax id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk ma kienx qiegħed jimxi b'mod ekwu.

L-appellant sostna li meta huwa għamel investigazzjoni dwar l-appellata, kien irriżultalu li din kellha f'isimha l-proprjetà bin-numru 13, Triq Qrejzu, Birkirkara, li sussegwentement inbiegħet minnha bil-prezz ta' €32,611. Żied jgħid li l-appellata naqset milli tinfurmah kemm li kellha din il-proprjetà f'isimha, kif ukoll li hija kienet daħħlet flus mill-bejgħ ta' din il-proprjetà. L-appellant qal li l-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-'probabbilità' li l-appellata ma kellhiex il-kapital stabbilit mil-liġi f'isimha, u li meta l-Arbitru wasal għal din il-konklużjoni, dan naqas milli jieħu konsiderazzjoni tal-provi fl-intier tagħhom. L-appellant qal li mill-provi jirriżulta li l-appellata rċeviet €32,611 mill-bejgħ ta' din il-proprjetà, u hemm il-kuntratt tal-bejgħ li jinsab esebit fl-atti li jipprova dan. Provi oħra esebiti mill-appellant jinkludu l-kopja tal-minuta bil-*workings* dwar kif l-appellant wasal għaċ-ċifra li skont hu għandha tiġi rifuża mill-appellata. L-appellant spjega wkoll li l-appellata qatt ma ċaħdet li hija kellha proprjetà f'isimha, u li l-valur ta' din il-proprjetà bla dubju kien jeċċedi l-limitu ta' €14,000 stabbilit mill-liġi. Qal li l-fatt li l-appellata kellha din il-proprjetà f'isimha, li sussegwentement biegħet, hija l-prova reġina li l-appellata kellha kapital li jeċċedi l-limiti stabbiliti mil-liġi sabiex tkun tista' tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali. L-appellant qal li l-fatt li l-appellata naqset milli tavża lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali li hija kellha din il-proprjetà u li kienet biegħitha, jammonta għal ksur tal-fiduċja li suppost kien hemm bejn il-partijiet, kif ukoll jammonta għal ksur tal-artikolu 97(1) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li kull min jibbenefika mill-Għajnuna Soċjali għandu obbligu li jinforma lill-appellant b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu. Minflok, l-

appellata ħbiet mill-appellant il-fatt li hija kellha din il-proprjetà f'isimha, kif ukoll ħbiet minnu l-fatt tal-bejgħ tal-imsemmija proprjetà. L-appellant qal ukoll li in linea mal-massima li min jallega jrid jipprova, l-appellata ma ppruvatx li hija tabilħaqq telqet mid-dar, jew li għamlet xi żmien tgħix f'xelter, u li kellha tissellef xi flus mingħand il-familjari tagħha, u tikri appartament fejn tmur tgħix flimkien ma' wliedha. L-appellant għamel riferiment għall-fatt li fost l-irċevuti ppreżentati mill-appellata, hemm irċevuta maħruġa qabel id-data tal-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjetà mill-appellata, kif ukoll li ġiet esebita rċevuta mingħajr data, u li meta wieħed inaqqas dawn l-irċevuti mill-prospett ippreżentat mill-appellata, jifdal bilanċ ta' €17,061.98 f'idejn l-appellata mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà. Huwa għalhekk, żied jgħid l-appellant, li l-Arbitru qatt ma messu bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-probabbilità ta' dak li ġara lill-appellata, iżda kellu jibbaża ruħu fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet abbażi tal-provi prodotti quddiemu. F'dan ir-rigward ukoll, intqal li l-Arbitru ma kienx korrett meta qal li l-appellant ma ġabx prova li t-€32,611 daħlu għand l-appellata, u dan minħabba li l-appellant ġab prova kemm li l-appellata kellha din il-proprjetà f'isimha, kif ukoll li hija ttrasferiet din il-proprjetà għall-prezz ta' €32,611, li huwa ammont li jeċċedi l-€14,000. Barra minn hekk, żied jgħid l-appellant, l-appellata stess ammettiet li hija kienet biegħet il-proprjetà inkwistjoni u li kienet irċeviet il-flus għal dan it-trasferiment. Din kellha tkun prova suffiċjenti għall-Arbitru li l-flus tat-trasferiment tal-proprjetà ġew riċevuti mill-appellata. L-appellant sostna wkoll li l-Arbitru m'għamilx applikazzjoni korretta tal-liġi, senjatament tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 318, meta wasal għall-konklużjoni li l-

appellata ma kellhiex kapital li jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000), u dan għaliex kemm bil-valur tal-proprjetà nnifisha meta din kienet għadha fil-pussess tagħha, kif ukoll bir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà, l-appellata kellha kapital li jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000). L-appellant sostna li l-aspettattiva għall-ħlas tal-Għajnuna Soċjali trid tkun ibbażata fuq il-*bona fede*, u l-ispirtu tal-liġi huwa li tingħata għajnuna monetarja lil min verament għandu bżonnha. L-appellant żied jgħid li l-leġiżlatur ħaseb għar-rifużjoni ta' dawn il-flejjes f'każ li jirriżulta li xi fondi pubbliċi jkunu tħallsu indebitament. L-appellant sostna li l-Arbitru naqas milli japplika l-prinċipju ta' ekwità u ta' ġustizzja skont l-artikolu 108(9) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma applika l-liġi inkwistjoni.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Fir-risposta tal-appell tagħha l-appellata wieġbet li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u timmerita konferma, u żiedet tgħid li t-talba tad-Direttur appellant hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 102 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, inkwantu l-kuntratt li fuqu ġiet ibbażata d-deċiżjoni tal-appellant ġie ffirmat fis-17 ta' April, 2006, filwaqt li jirriżulta li d-deċiżjoni tal-appellant rigward ir-rifużjoni tal-flejjes li rċeviet l-appellata ttieħdet mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali tnax-il sena wara li sar il-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjetà inkwistjoni. L-appellata qalet li l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti tagħmel rivalutazzjoni tal-provi prodotti quddiem l-Arbitru. Hija spjegat li l-

proprjetà mibjugħa fis-17 ta' April, 2006 kienet suġġetta għal kirja protetta favur terzi, u meta l-inkwilin ta' din il-proprjetà ġie nieqes, l-appellata kienet għaddejja minn żmien diffiċli fil-ħajja personali tagħha, minħabba li dak iż-żmien kienet għaddejja bil-proċeduri ta' separazzjoni personali. Hija qalet li dawn il-proċeduri għadhom għaddejjin u hija għadha ma ħadet l-ebda sehem mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet viġenti bejnha u bejn ir-raġel tagħha. L-appellata żiedet tgħid li l-prospett tal-ispejjeż ippreżentat minnha ma jinkludix l-ispejjeż kollha li hija għamlet, partikolarment l-ispejjeż sabiex setgħet tgħix hi u tgħajjex lit-tliet uliedha. L-appellata spjegat ukoll li wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Arbitru, iż-żwieġ tagħha ġie annullat. L-appellata qalet ukoll li l-appellant naqas milli jippreżenta l-prova kardinali tiegħu, jiġifieri d-dikjarazzjoni u l-applikazzjoni li kienet għamlet l-appellata sabiex tirċievi l-Għajnuna Soċjali, fejn l-appellant jinsisti li hija ma tatx l-informazzjoni kompluta dwar il-kapital tagħha, u minflok straħ fuq ir-rapport tat-*tax compliance unit* u fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjetà li kellha l-appellata. L-appellata qalet li hija talbet lill-Aġenzija Appoġġ tħejji rapport dwar il-fatt li hija kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tgħix f'xelter flimkien ma' wliedha, u l-avukat difensur tagħha kien bagħat ittra lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jinfurmah b'dan.

L-appellata spjegat li hija biegħet il-proprjetà inkwistjoni għaliex minħabba raġunijiet sanitarji hija u wliedha ma setgħux jabitaw fiha. Żiedet tgħid li parti sostanzjali mir-rikavat tal-bejgħ użatu sabiex tikri proprjetà oħra u fi spejjeż oħra relatati mal-ħajja. L-appellata kkonkludiet billi qalet li d-deċiżjoni tal-

Arbitru kienet ġusta u ekwa, u dan uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod korrett u bil-fakoltajiet kollha li ttih il-liġi.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Din il-Qorti qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-appellata, li eċċepiet il-preskrizzjoni fir-rikors ippreżentat minnha quddiem l-Arbitru, mingħajr ma ċċitat id-dispożizzjoni tal-liġi li kienet qiegħda tibbaża ruħha fuqha. Fir-risposta tagħha għar-rikors tal-appell imressaq mill-appellant, l-appellata ċċitat l-artikolu 102 tal-Kapitolu 318 bħala l-bażi li fuqha sawret il-pretensjoni tagħha li d-deċiżjoni tal-intimat appellant hija preskritta għax ittieħdet tnax-il sena wara li hija kienet biegħet il-proprjetà inkwistjoni. L-artikolu 102 tal-Kap. 318 jipprovdi illi:

> "(1) Ħlief kif provdut fl-Artikolu 98(3), b'seħħ mill-1 ta' April, 1978, kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skont id-dispożizzjoni ta' dan l-Att, għandha tħallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irċeviet, u d-Direttur għandu, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li tagħtih il-liġi, jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance,* jew għajnuna, li jkollha dritt għalihom wara dan:
>
> Iżda b'seħħ mis-6 ta' Jannar 1990:-
>
> (i) Meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kinux bi frodi), ir-rata ta' ġbir lura permezz

> ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu jiġi deċiż mid-Direttur, iżda fl-ebda każ ma għandu jkun anqas mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan;"

Dan l-artikolu tal-liġi ma jispeċifikax li l-azzjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali hija preskritta bil-passaġġ taż-żmien kif qiegħda tippretendi l-appellata. Għall-kuntrarju, din id-dispożizzjoni tal-liġi tagħti poteri lid-Direttur appellant jipproċedi kontra kull persuna li tkun naqset li tagħmel rappreżentazzjoni korretta tas-sitwazzjoni tagħha, f'kull żmien, u tagħtih ukoll id-dritt li jipproċedi sabiex jirkupra l-ħlasijiet żejda li jkunu saru favur din il-persuna bit-tnaqqis ta' ammont li ma jkunx inqas minn 10% ta' kull benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li din il-persuna jkollha dritt għalihom sussegwentement. F'dan il-każ, il-proposta tad-Direttur appellant hija li jirkupra l-ammonti dovuta lilu bit-tnaqqis ta' 30% mill-benefiċċji li qiegħda tirċievi l-appellata preżentement.

Anki f'każ li jirriżulta li l-appellata qiegħda tinvoka favur tagħha t-terminu preskrittiv li japplika għal azzjoni ta' *indebiti solutio,* kif regolata bl-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni applikabbli għal dik l-azzjoni hija ta' "sentejn minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball." F'dan il-każ m'hemm l-ebda prova dwar meta d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali kixef l-'iżball', u ma saret ebda prova dwar minn meta dan it-terminu preskrittiv ta' sentejn beda jiddekorri. Mill-*workings* esebiti mill-appellant jirriżulta li l-kalkolu tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali dwar l-ammont li għandu jiġi

rifuż mill-appellata nħadem fis-sena 2018, li hija l-istess sena li fiha d-Direttur appellant informa lill-appellata li huwa kien qiegħed jippretendi rifużjoni tal-ammonti żejda mħallsa minnu. Madanakollu l-Qorti tirrileva illi dan il-perijodu preskrittiv ma japplikax għaċ-ċirkostanzi odjerni peress li din mhijiex azzjoni minn kreditur sabiex jiġbor lura flus li l-appellata ma kellhiex dritt għalihom, iżda azzjoni taħt liġi speċjali li tirregola l-ħlasijiet tal-benefiċċji soċjali, u għalhekk din l-eċċezzjoni tal-appellata qiegħda tiġi miċħuda.

*L-ewwel aggravju:* *L-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti*

L-appellant isostni li mill-provi prodotti mill-appellata, l-Arbitru ma kellux ikun sodisfatt li fis-snin rilevanti din ma kellhiex kapital li jeċċedi l-ammont ta' erbatax-il elf Euro (€14,000). L-appellant jinsisti li l-Arbitru kien skorrett meta qal li hemm 'probabbilità' li l-appellata ma kellhiex il-kapital rikjest sabiex tikkwalifika għall-Għajnuna Soċjali, għaliex dan ifisser li l-Arbitru ma kkonsidrax il-provi miġjuba fl-intier tagħhom. L-appellant isostni li għandu jirriżulta mill-provi li l-appellata kellha fil-pussess tagħha proprjetà tal-valur ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u ħdax-il Euro (€32,611), u in atti hemm esebit kopja tal-kuntratt ta' bejgħ ta' din il-proprjetà bħala prova li dan kien l-ammont li rċeviet l-appellata meta biegħet din il-proprjetà fl-2006. L-appellant jgħid ukoll li mill-provi prodotti, u senjatament mill-prospett esebit mill-appellata, għandu jirriżulta li anki wara li jitnaqqsu l-ispejjeż kollha li din tgħid li għamlet

inkonnessjoni mas-sitwazzjoni personali tagħha, xorta waħda jibqa' bilanċ li jiżboq l-erbatax-il elf Euro (€14,000), li jfisser li l-appellata ma kinitx intitolata għall-ħlas tal-Għajnuna Soċjali, minħabba fil-limitazzjonijiet li timponi l-liġi.

Il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda dubju, anki mill-provi prodotti mill-appellata li din kienet għaddejja minn żmien xejn feliċi fil-ħajja miżżewġa tagħha fiż-żmien meta biegħet il-proprjetà inkwistjoni. Madanakollu jibqa' l-fatt li l-appellata naqset milli tinforma lill-appellant li hija kienet is-sid ta' proprjetà immobbli ta' ċertu valur, bħalma naqset li tinfurmah bil-bejgħ ta' din l-istess proprjetà. Barra minn hekk anki jekk wieħed kellu jnaqqas it-total ta' infiq skont il-prospett ippreżentat mill-appellata, jirriżulta li minkejja li din xtrat vettura, ħallset il-kera ta' proprjetà fis-Salini, u għamlet diversi nefqiet oħra minħabba fis-sitwazzjoni personali li kienet tinsab fiha, xorta waħda kien għad fadlilha bilanċ viċin is-sbatax-il elf Euro (€17,000) mir-rikavat tal-bejgħ ta' din il-proprjetà. Dan ifisser li l-appellant għandu raġun meta fl-ewwel aggravju tiegħu jgħid li l-Arbitru m'għamilx apprezzament korrett tal-provi prodotti, fejn wasal għall-konklużjoni li teżisti l-probabbilità li ladarba l-appellata kienet tiddependi fuq l-assistenza soċjali, din nefqet il-kapital li kellha fuq spejjeż tal-ħajja sabiex setgħet tgħix hi u tgħajjex lil uliedha. Mill-provi li ressqet l-appellata stess jirriżulta li din kien għad fadlilha bilanċ ta' aktar minn erbatax-il elf Euro (€14,000) f'idejha wara l-infiq għax-xiri ta' vettura u għall-ħlasijiet tal-kera, u l-appellata ma ġabet l-ebda prova ta' xi spiża sostanzjali oħra li għamlet u li minħabba fiha kienet kostretta ddur għall-flus li daħħlet mill-bejgħ tal-

proprjetà li kellha f'Birkirkara. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tiċċita dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta fit-22 ta' Mejju 2009 fis-sentenza fl-ismijiet **Sonia Catania *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**:

> "Jittraxxendi minn dan illi l-għotja tal-għajnuna hi bażata fuq il-presuppost li jeżistu r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-provvediment rilevanti tal-Kap. 318, anke għaliex hu proprju l-eżistenza ta' dan ir-rekwiżit li jifforma n-nukleju fondamentali tar-rapport ġuridiku interkorrenti bejn l-Istat u l-benefiċjarju;
>
> Ma jistax ikun negat illi l-appellanti, rappreżentanti tal-Istat għal dak il-fini għandu d-dritt, u fuq kollox, id-dover li jaċċerta ruħu mill-eżistenza ta' dak ir-rekwiżit sija għall-iskop tar-rapport previdenzjali sija għall-kontinwità tiegħu fid-durata li fih tkun qiegħda tiġi pprestata l-għajnuna."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Anthony Chetcuti *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, mogħtija fid-19 ta' Mejju, 2004 minn din il-Qorti kif diversament preseduta, il-Qorti ddikjarat li d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali jrid jimxi bħala *bonus paterfamilias* għaliex fil-każijiet li jrid jieħu deċiżjoni dwarhom:

> "hemm involuti l-interessi tal-komunità in ġenerali u ta' dawk kollha fis-soċjetà li jġorru fuq spallejhom il-piżijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali."

Huwa għalhekk li l-Arbitru għandu jillimita ruħu strettament għall-fatti li jkollu quddiemu u japplika għal dawk il-fatti partikolari l-parametri stabbiliti mil-leġiżlatur. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Arbitru fil-każ odjern jirriżulta li kienet ibbażata mhux fuq il-provi prodotti, imma fuq x'seta' ġara fis-sitwazzjoni tal-appellata. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li d-deċiżjoni appellata mhijex korretta, għaliex mill-provi prodotti, l-Arbitru ma setax jasal għall-konklużjoni li fiż-

żmien rilevanti l-appellata ma kellhiex kapital li jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000). Għalhekk tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat u għandu jiġi milqugħ.

*It-tieni aggravju:* *In-nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi skont il-Kap. 318*

L-appellant sostna li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu naqas milli jimxi mad-dispożizzjonjiet tal-artikolu 30 (Taqsima II u VI tat-Tieni Skeda) u mal-artikolu 102 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll naqas milli japplika l-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja skont l-artikolu 108(9) tal-istess liġi.

L-artikolu 1A tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 jistipula illi meta jsir il-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-Għajnuna Soċjali taħt l-artikolu 30 tal-Kap. 318, għandhom jitqiesu kull proprjetà, dħul jew privileġġ ... u meta jinqabeż il-limitu indikat fl-imsemmi proviso għall-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda, il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna Soċjali għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik l-għajnuna. Huwa dan l-artikolu tal-liġi li jimponi limitu ta' €14,000 bħala kapital, li jinkludi flus fil-bank u fl-idejn, assi likwidi, flus imqiegħda fi *trust* u kull proprjetà immobbli urbana li dik il-persuna jista' jkollha, u f'każ li dak l-ammont ta' kapital jinqabeż, il-persuna ma tkunx tikkwalifika aktar sabiex tirċievi l-Għajnuna Soċjali.

L-artikolu 102 tal-Kap. 318 li jirreferi għalih l-appellant huwa l-artikolu tal-liġi li jagħti lid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali l-poter li jressaq azzjoni għar-rifużjoni ta'

ħlasijiet żejda li jkunu saru lill-persuna b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina tal-fatti materjali tal-persuna. Huwa dan l-artikolu tal-liġi li mexa fuqu l-appellant meta informa lill-appellata li għal perijodu ta' żmien hija ma kinitx tikkwalifika għall-Għajnuna Soċjali peress li dak iż-żmien jirriżulta li hija kellha kapital li jeċċedi l-limitu impost mil-liġi.

L-artikolu 108(9) tal-Kap. 318 jistipula li l-proċedura għall-konsiderazzjoni u d-deċiżjoni eventwali ta' kull appell li jsir lill-Arbitru għandha tiġi konkluża skont dak li jiddeċiedi l-Arbitru, u dan għandu jassigura li fid-deċiżjoni tiegħu qegħdin jitwettqu l-prinċipji ta' ġustizzja u ekwità. Il-liġi tagħna ma tagħti l-ebda definizzjoni ta' x'inhuma l-prinċipji tal-ekwità, iżda huwa risaput li biex titwettaq l-ekwità m'għandhomx jitwarrbu la l-fatti ppruvati u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-ġudikant jispiċċa jasal għal deċiżjoni arbitrarja. F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2015, fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Ltd *vs.* Ryan Air Limited**, il-Qorti qalet hekk dwar sitwazzjonijiet fejn il-liġi tippermetti li tingħata deċiżjoni skont l-ekwità:

> "Dejjem tajjeb li jiġi qabel xejn imfakkar illi kif drabi oħra rilevat, l-ekwità minnha nnifisha trid li ssir ġustizzja u jekk ikun jeżisti dritt li jiskaturixxi minn obbligazzjoni assunta legalment u li tirriżulta jew minn xi dispożizzjoni kontrattwali regolarment konvenuta u aċċettata bejn il-kontendenti. L-ekwità trid illi dik id-dispożizzjoni, dik l-obbligazzjoni mhux biss tiġi onorata, imma tiġi protetta mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikunu importanti, drittijiet legali jiġu skartati u addirittura injorati jew negati meta huwa evidenti illi dan ma jkun xejn ħlief illegalità li minnha nnifisha ma hix konfaċenti u kompatibbli mal-kunċett ta' ekwità."

F'deċiżjoni oħra tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar 1999, fl-ismijiet **Carmel Gerada *vs.* Charles Borg Barthet (Beta Centre)**, intqal hekk dwar il-prinċipju tal-ekwità:

> "Il-ġustizzja u l-ekwità jirrikjedu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun bażata fuq il-fatti provati. Filwaqt li din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex il-kompetenza biex tissindika deċiżjoni ta' fatt li jkun wasal għaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tiegħu, din il-Qorti ma hix eskluża mill-funzjoni li tiddeċiedi jekk tali deċiżjoni ta' fatt kinitx tirrifletti l-ġustizzja sostantiva u l-ekwità. Ġustizzja sostantiva li fil-verità trid tkun bilfors konfortata b'modiku ossia minimu ta' fatt provat. Huwa wkoll prinċipju ta' ġustizzja naturali illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi *iuxta allegata et probata* u ma jistax jiddeċiedi manifestment u ovvjament kontra dak li ġie quddiemu provat."

Il-Qorti tirrileva li minkejja dak li jipprovdi l-artikolu 108(9) tal-Kap. 318, l-Arbitru ma setax jinjora la t-test tal-liġi u l-limitazzjonijiet hemm stabbiliti, u lanqas ma kellu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dak li seta' ħaseb li kien probabbilment seħħ, meta l-provi li kellu quddiemu kienu jagħtu stampa differenti mill-konklużjoni li wasal għaliha. Huwa għalhekk li anki dan it-tieni aggravju mressaq mill-appellant qiegħed jiġi milqugħ.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-appell intavolat mill-appellant għandu jintlaqa', u d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tiġi b'hekk revokata.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fit-18 ta' Lulju, 2019, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellant id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali tad-19 ta' Frar, 2018.**

**Tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, kemm ta' dan l-appell u kemm tal-ewwel istanza.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**